MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 262/2010

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 2000; li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha, filwaqt li ddikjara li jaqbel li z-zwieg huwa null, jimputa dan il-fatt lill-attrici li allura ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-imsemmija data huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta r-responsabbilita'.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija u Taljana, izzewget lill-konvenut, cittadin Taljan, fit-23 ta' Settembru 2000, wara li kienu ilhom xi zmien jiffrekwentaw lil xulxin, u wara li ghal xi xhur qabel iz-zwieg huma kienu ikkoabitaw flimkien. Wara xi zmien il-partijiet isseparaw, u l-attrici dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali u harget tqila minn dan it-terz.

Illi l-attrici tghid li hi zzewget lill-konvenut biex tehles minn missierha li kien bniedem dominanti u aggressiv, u kien jaghmel hafna restrizzjonijiet fuq uliedu.

Tghid li hi ma kinitx thobb lill-konvenut, izda xorta wahda baqghet mieghu, u zzewgitu; izda ma riditx tfal minnu fiz-zwieg. Fi kliemha: "Jien qatt ma ried tfal minghandu."[1] Tghid li hi kienet qalet lill-konvenut b' dan, qabel iz-zwieg, u hu accetta.

Ghalhekk l-att taz-zwieg, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, dejjem sar bi prekawzzjoni da parti tal-

[1] Fol.30

konvenut li minn naha tieghu kien accetta din is-sitwazzjoni; dan kien "dejjem dejjem jirtira." Tghid ukoll li hi kienet riluttanti ghall-att taz-zwieg, u kienet issib hafna skuzi biex ma jkollhiex x' taqsam mieghu.

L-attrici tispjega li hija kienet izzewget bic-civil biss, u ma riditx tizzewweg bil-knisja, ghax ma kinitx thobb lill-konvenut. Fi kliemha, zwieg bil-knisja "ikun zwieg komplut ta' kollox, u jiena qatt ma hassejtni mizzewga kompluta, kollox, ghax ma kienx hemm imhabba."[2]

Tghid li "tul il-hajja mizzewga konna niggieldu hafna minhabba l-familji, il-flus u fuq hafna affarijiet ohra, hlief ghal hrug ta' bil-lejl wahedna, fuq dak qatt ma ggielidna. Meta kont nohrog mal-hbieb kont nixrob, u darba spiccajt l-isptar."[3]

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkorrobora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, salv ghall-allegazzjoni taghha li hi kienet qaltlu qabel iz-zwieg li ma riditx tfal.

In propozitu l-konvenut jghid li "jien skoprejt li marti ma riditx tfal fiz-zwieg meta ftit ta' snin wara, jiena bdejt ninsisti ghat-tfal, izda hija oggezzjonat u qaltli li hija ma kinitx riedet tfal f' dan iz-zwieg."[4]

Il-konvenut jghid li matul il-konvivenza matrimonjali huma kienu jiggieldu hafna peress li l-attrici kienet aggressiva u mpettwuza, filwaqt li hu ghandu karattru dghajjef, u kien jispicca sabiex icedilha. "Hi qatt ma kienet kuntenta b' xejn, dejjem tiggieled man-nies, li taghmel hi biss tajjeb, kultant kont naraha aggressiva."[5] Jghid li matul il-konvivenza kienet qaltlu fi tlett okkazzjonijiet li riedet tinfired minnu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attrici l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d]

---
[2] Fol.35
[3] Fol.16
[4] Fol. 38
[5] Fol.24

ta’ l-artikolu precitat, stante li meta zzewget hi kienet inkapaci li tassumi l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. L-attrici, ex admissis, u bil-komportament taghha tul il-hajja konjugali, partikolarment ir-riluttanza da parti taghha li jkollha relazzjonijiet intimi mal-konvenut, allura zewgha, uriet li kien inkapaci li tghix il-hajja konjugali ma’ zewgha f’ ambjent ta’ komunjoni ta’ hajja u ta’ imhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta’ Settembru 2000.

Spejjez kollha a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------